MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru 134/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Jimale Hassan Abdullahi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jimale Hassan Abdullahi**, ta' sebgha u ghoxrin (27) sena, bin Jimale Hassan u Satia neé Hussein, imwieled gewwa Mogadishu, Somalja nhar l-01 ta' Jannar 1988, residenti gewwa fond numru 29, Triq Censu Borg, Hamrun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 43988(A) akkuzat talli nhar il-05 ta' Frar, 2015, ghall-

habta tas-2.20 ta' filghodu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Marsa sitwata gewwa Triq Balbi, Marsa:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 37 David Bezzina liema feriti kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, u kif ukoll talli gab sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' l-offiz u dan skond ma ccertifika Dr. A. Chong M.D. (Reg. No. 5515) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214, 215, 218 u 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 37 David Bezzina, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 37 David Bezzina, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioé ghamel hsara fuq l-uniformi tal-Pulizija ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin Ewro (€250), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, tqis lill-imputat bhala li sar recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom, fuq naha wahda, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u, fuq in-naha l-ohra, in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat (b'mod partikolari l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u l-aggravanti taht Artikolu 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), il-fedina penali (Dok. "RV 4") tieghu (li hija wahda refrattarja), il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sentenzi li gew moghtija fil-konfront tal-imputat u li jinsabu fl-atti processwali, u, kif ukoll, il-gurisprudenza nostrana. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Camilleri et**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "L-impozizzjoni ta' sentenza sospiza mhiex hlas bizzejjed ghal min juza l-vjolenza fizika kontra persuni ohra u l-Qorti trid tghaddi l-messagg ta'

> determinazzjoni u severità kontra min, ghal xejn b'xejn, jinfexx fi vjolenza kontra persuna ohra. Hawnhekk, il-Qorti tajjeb illi taghmel riferenza ghal dak illi jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija versus Joseph Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004, *"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-qrati tal-gustizzja kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex decisiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika"*. M'hemm dubbju illi l-appellati urew arroganza u prepotenza grassa kontra zewg pulizija illi kienu fuq xogholhom jippruvaw jikkalmaw sitwazzjoni illi potenzjalment setghet tizviluppa f'xi haga serja u minn fuq, l-appellati daru ghalihom u tawhom xebgha kif irrizulta mic-certifikati esebiti f'dawn l-atti".

Tenut kont ta' dan kollu, m'hemmx dubju li s-sentenza idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu ghandha tkun wahda ta' perjodu ta' prigunerija effettiv.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 95, 96(a), 214, 215, 218, 222(1)(c), 338(dd) u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Jimale Hassan Abdullahi hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li tikkundannah ghal perijodu ta' tlitt (3) snin u disa' (9) xhur prigunerija, tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' erbat'elef u hames mitt Euro (€ 4500.00).

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------